MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 197/2010

**L-Avukat Dottor William Cuschieri, (detentur ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 70582 (M))**

**vs**

**Direttur, Qrati Civili u Tribunali, Direttur Generali tal-Qrati, Anthony Camilleri (detentur ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 380433 (M) u martu Carmela Camilleri (detentrici ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 117633 (M) kif ukoll Angelo Micallef (detentur ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 836457 (M) u martu Rita Micallef (detentrici ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 30662 (M), l-Avukat Dottor Chris Cilia, l-Avukat Dottor Joe Zammit Maempel, il-Prokuratur Legali Gerald Bonello u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, dawn ta' l-ahhar ghal kull interess li jista' jkollhom**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-1 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikat sintetikament ippremetta s-segwenti:

1.1 Illi l-intimati Anthony u Carmela konjugi Camilleri introducew kawza ta' spoll kontra l-intimati l-ohra Angelo u Rita konjugi Micallef li ggib in-numru 264/2006;

1.2 Illi l-kawza indikata fil-paragrafu precedenti kienet deciza fl-24 ta' Frar, 2009 u wara appell tal-intimati Camilleri, il-kawza kienet deciza b'mod definittiv mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Jannar, 2010;

1.3 Illi l-intimati kienu patrocinati mill-Avukat Chris Cilia sa l-istadju tal-prezentata tar-rikors ta' l-appell, fejn min dak l-istadju 'l quddiem ingaggaw lir-rikorrenti Cuschieri bhala l-avukat taghhom;

1.4 Illi r-rikorrenti Dottor Cuschieri assuma l-patrocinju formalment quddiem il-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Novembru, 2009;

1.5 Illi wara l-udjenza fuq indikata fejn gie trattat l-appell, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-8 ta' Jannar, 2010, meta fil-fatt inghatat is-sentenza;

1.6 Illi wara s-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti gew rilaxxati tlett (3) taxxi ufficcjali, senjatament:

1.6.1. Taxxa ufficjali re Citazzjoni Numru 265/06 fl-ismijiet Anthony Camilleri et vs Angelo Micallef et deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fit-8 ta' Jannar, 2010, rilaxxata fit-3 ta' Frar, 2010, (ara fol 8);

1.6.2. Taxxa ufficjali re drittijiet u spejjez gudizzjarji mahruga fuq talba ta' Dr. William Cuschieri fil-kawza numru 264/06 fl-istess ismijiet indikati fil-paragrafu precedenti mahruga fuq talba specifika ta' Dr. William Cuschieri, specifikatament re l-assunzjoni tal-patrocinju tieghu fi stadju ta' Appell skont skeda A, Tariffa E,

paragrafu 33 tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta’ Malta rilaxxata fis-16 ta’ Frar, 2010, (ara fol 9);

1.6.3. Taxxa ufficjali re l-istess kawza indikata fil-paragrafu precedenti bl-istess numru ta’ citazzjoni hemm ukoll indikat, u dan, b’referenza ghall-iskeda A, Tariffa E, paragrafu 34 tal-Kap 12, rilaxxata fl-24 ta’ Frar, 2010, (ara fol 10);

1.7. Illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-fatt li d-dritt intaxxat favur ir-rikorrenti hu dak ta’ terz (1/3) tad-dritt ta’ l-avukat kollu, (ara fol 8, 9 u 10), senjatament fl-ammont ta’ tlett mija u tlieta u tletin Ewro, (€333.00);

1.8. Illi pero` mill-Iskeda fuq indikata d-dritt tar-rikorrenti ma kellux ikun ta’ terz (1/3) tad-dritt ta’ l-avukat;

1.9. Illi t-taxxa rilaxxata fis-16 ta’ Frar, 2010, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta punt tnejn, (1.6.2.), aktar qabel hi hazina ghal dak li jirrigwarda l-intaxxar tal-assistenza legali tar-rikorrenti stante li tindika li harget fuq talba tal-istess rikorrenti meta dan ma kienx il-kaz;

1.10. Illi t-taxxa indikata fil-paragrafu precedenti intalbet minn iben Anthony u Carmela Camilleri, certu Joseph, (ara fol 9);

1.11. Illi t-terz (1/3) intaxxat lir-rikorrenti mhux korrett u r-rikorrenti hu intitolat ghal dritt normali *ai termini* ta’ l-artiklu 34 ta’ Skeda E tat-Tariffa A tal-Kap 12 fuq indikat u ghalhekk, l-ammont li kellu jkun intaxxat kellu jkun ta’ zewg terzi, (2/3), tad-dritt normali;

1.12. Illi *di piu`*, l-ammont intaxxat kien gie arrotondat minghajr l-ebda bazi legali;

1.13. Illi r-rikorrenti ma talabx li tigi rilaxxata t-taxxa tas-16 ta’ Frar, 2010, kif erroneament indikat;

1.14. Illi quddiem l-Appell lanqas gew segwiti d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 38 tal-Iskeda E tat-Tariffa A tal-Kap 12;

1.15. Illi meta r-rikorrenti gibed l-attenzjoni ghas-suespost kien avzat li d-dritt t'avukat fl-Appell jinkorpora z-zieda ta' terz (1/3) skont l-artiklu 38 fuq indikat;

1.16. Illi dak li r-rikorrenti gie avzat fil-paragrafu precedenti zgur mhux minnu stante li d-dritt t'avukat quddiem il-qorti ta' prim'istanza kien ta' tmien mija u ghoxrin Ewro, (€820.00), fejn meta jizdied terz (1/3) kif sostnut mid-Direttur intimat, jeccedi t-terz (1/3) ta' elf Ewro, (€1,000.00), fuq indikat;

1.17. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jwiegbu u jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.17.1. Tiddikjara nulli u thassar it-taxxi ufficjali rilaxxati nhar is-16 ta' Frar, 2010, u t-23 ta' Frar, 2010, fuq indikati;

1.17.2. Tiddikajra nulla u thassar it-taxxa rilaxxata fit-3 ta' Frar, 2010, kemm –il darba jirrizulta li ma giex osservat id-dispost tal-artiklu 38 tal-Iskeda E tat-Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.17.3. Tordna lill-intimati Direttur, Qrati Civili u Tribunali u lid-Direttur Generali tal-Qrati, jew min minnhom, jergghu jintaxxaw id-dritt dovut lir-rikorrenti fil-kawza imsemmija fir-rikors promotur;

2.0. Rat ir-risposta ta' l-intimati Angelo u Rita konjugi Micallef u ta' l-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel u tal-Prokuratur Legali Gerald Bonello datata t-23 ta' Marzu, 2010, li permezz taghha sintetikament wiegbu s-segwenti:

2.1. Illi dawn il-proceduri huma frivoli billi ghall-massimu jirrelataw ghal tlieta u disghin Ewro u sitt centezmi, (€93.06);

2.2. Illi qatt ma sar tentattiv ta' transazzjoni;

2.3. Illi rigward l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-intimati odjerni huma estranei u m'ghandhomx interess guridiku jew fattwali fit-taxxi in dizamina;

2.4. Illi rigward it-tieni u t-tielet talba ir-rikorrenti jirrimettu ruhhom;

2.5. Illi m'ghandhomx ibatu spejjez;

3.0. Rat ir-risposta ta' Dr. Chris Cilia u tal-Prokuratur Legali Gerald Bonello datata d-29 ta' Marzu, 2010, li permezz taghha sintetikament sostnew is-segwenti;

3.1. Illi t-taxxi attakkati f'din il-procedura ma gewx rilaxxati mill-intimati odjerni;

3.2. Illi m'ghandhomx ibatu spejjez;

3.3. Illi l-intimat Dottor Cilia jopponi l-ilment tar-rikorrenti stante li t-terz (1/3) tad-dritt moghti lir-rikorenti hu korrett l-aktar meta jitqies li r-rikors ta' l-appell inkiteb mill-intimat Dottor Cilia u mhux mir-rikorrenti Cuschieri li assuma l-patrocinju ftit qabel it-trattazzjoni ta' l-appell;

3.4. Illi r-redazzjoni tar-rikors ta' l-appell u ir-ricerka tal-gurisprudenza saru biss mill-intimat Dottor Cilia;

3.5. Illi t-talba ghar-ritassa ghandha ghalhekk tigi michuda;

3.6. Illi mill-bqija m'ghandhom xejn aktar x'jikkummentaw;

4. Rat in-nota tal-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud datata t-13 t'April, 2010, li permezz taghha ddikjarat li l-firma taghha fir-rikors guramentat mertu ta' din il-kawza hi biss "*firma di favore*" ghall-Prokuratur Legali Gerald Bonello, (ara fol 20);

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluz l-atti tac-Citazzjoni Numru 264/2006 fl-ismijiet fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed (1), aktar qabel);

6. Rat l-affidavitijiet prodotti;

7. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha u rat dik mismugha mill-istess qorti diversament preseduta;

8. Semghet it-trattazzjoni orali finali tar-rapprezentanti legali prezenti;

Ikkonsidrat:

9. Illi qabel xejn ghandu jinghad li l-konvenuti Direttur, Qrati Civili u Tribunali, Direttur Generali tal-Qrati, Anthony u Carmela konjugi Camilleri u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud huma fi stat ta’ kontumacja;

Ikkonsidrat:

10. Illi l-kawza odjerna hi naxxenti minn kontestazzjoni ta’ taxxa rilaxxata mir-registru ta’ din il-qorti;

11. Illi in effetti jirrizulta li fuq insistenza pressanti ta’ Dr. Joseph Camilleri inharget it-taxxa meritu tal-procedura odjerna rigwardanti l-operat tar-rikorrenti Dottor Cuschieri fil-kawza in dizamina;

12. Illi jirrizulta li effettivament ir-registru *de quo* hareg tlett (3) taxxi fir-rigward, senjatament dawk indikati espressament fil-paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6), aktar qabel;

13. Illi jirrizulta li r-rikorrenti Dottor Cuschieri ma kien ghamel l-ebda talba lir-registru biex tinhareg xi taxxa fir-rigward tal-procedura in dizamina;

14. Illi r-rikorrenti jirrizulta li involva ruhu fil-procedura in dizamina kif gie sostenut mill-intimat Dr. Cilia, biss wara li kien gia` gie intavolat ir-rikors tal-appell;

15. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li r-rikorrenti involva ruhu biss fit-
trattazzjoni orali ta’ l-appell fil-procedura in dizamina u f’xejn aktar; (ara paragrafu numru tlieta (3), aktar qabel);

16. Illi l-mod kif giet intaxxata l-procedura riferita fil-paragrafu precedenti hu skont il-parametri legali indikati fl-Iskeda E tat-Tarixxa A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-artikli 33, 34, u 38 taghha;

17. Illi ghalhekk it-terz (1/3) tad-dritt koncess lir-rikorrenti talli tratta l-kaz in dizamina fl-appell, paragunat mar-redazzjoni tar-rikors in prim’istanza u tar-rikors tal-appell mill-avukat precedenti hu kemm riflessjoni tajba tal-ligi *de quo*, u tal-gustizzja;

18. Illi *di piu`*, jirrizulta li hi l-prassi kostanti tar-registratur li f’dawn ic-cirkostanzi in dizamina jalloka terz (1/3) tad-dritt tal-avukat lil min ikun fil-pozizzjoni tar-rikorrenti;

19. Illi ghalhekk ma tirrizulta l-ebda ingustizzja rikjamata mir-rikorrenti fir-rigward;

**DECIDE:**

20. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ipprovax il-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

20.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

20.2. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti l-Avukat Dottor William Cuschieri;

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------